# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 13-13

**Data: 17 ta' Ottubru** 2013

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier
Maria Sultana – Kunsilliera

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti gew approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop sekondati mill-Kunsillier Christopher Bruno.

**2. Punti Mqajjma mill-Minuti.**

2.1 Dwar punt nru 2.a mill-minuti precedenti – Is-Sindku qalet li s-sinjali tat-traffiku fi Triq l-Ghassieli issa saru skond ir-regolamenti ta' Transport Malta u jonqos li jsiru dawk ta' Triq il-Villa tal-Ammirall.

2.2 Dwar punt nru 2.b mill-minuti precedenti – Is-Sindku qalet li jonqos li ssir ix-xibka li tghatti l-hamrija sabiex jigi evitat li l-hamrija tithammeg bil-hmieg tal-qtates.

2.3 Dwar punt numru 2.d mill-minuti precedenti is-Sindku qalet li beda l-process sabiex jitnehhew l-affarijiet mill-bini ta' Bighi. Il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura ipprovda lill-Kunsill zewg containers sabiex iservu bhala post temporanju fejn il-Kunsill jista jpoggi l-affarijiet li kien hemm fil-bini.

2.4 Dwar punt 2.m mill-minuti precedenti mressaq mill-Kunsilliera Maria Sultana, is-Sindku qalet li fil-pots tat-tarag San Guzepp imtlew bil-pjanti minflok fjuri.

2.5 Dwar punt 2.n mill-minuti precedenti imressaq mill-Kunsilliera Maria Sultana, is-Sindku qalet li l-kompetizzjoni ghat-tfal fl-okkazjoni tal-Car Free Day ma saretx u pproponiet flimkien mal-Kunsilliera Maria Sultana sabiex issir ghall-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara.

2.6 Dwar punt 2.o mill-minuti precedenti imressaq mill-Kunsillier Paul Bongailas dwar ir-restawr fuq il-monument tas-salib fit-traffic island ta' Triq il-Missjoni Taljana kif ukoll fuq il-lapida li hemm fl-isqaq Marina Nru 2. Is-Sindku qalet li ghaddiet il-korrispondenza lill-Kottonera Rehabilitation Committee.

2.7 Dwar punt nru 3 mill-minuti precedenti giet proposta id-data tat-12 ta' Novembru fil-5.30 ta' filghaxija sabiex il-Kunsill jiltaqa mas-Sur Mark Causon sabiex jigu diskussi x'tip ta' fondi l-Kunsill jista japplika ghall-progetti mill-UE.

2.8 Dwar punt nru 4.2 mill-minuti precedenti mressaq mill-Kunsillier Paul Bongailas dwar verifika ghala il-website tal-Kunsill m'hijiex "updated", is-Sindku qalet li hi tkellmet mad-Direttur ghall-Gvern Lokali fejn ikkonferma li hemm problemi bis-sistema tal-Website li mistennija niehdu zmien sabiex jigu solvuti.

2.9 Dwar punt nru 4.3 mill-minuti precedenti mressaq mil-Kunsillier Vincent Bongailas dwar l-uzu tal-ufficju tal-Kunsill Lokali sabiex jinghataw xi lezzjonijiet tal-muzika ghat-tfal. Is-Sindku issuggerietlu li dan mhuwiex possibli minhabba li m'huwiex id-dekasteru tieghu.

Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li hija hasra li l-iskola Primarja tal-Kalkara ma tistax tintuza minhabba li tinvolvi certu spejjez ta' overtime li jigu jiswew aktar mill-attivita nfisha. Sar qbil sabiex tintbghat ittra lid-Direttur Generali tal-Edukazzjoni,Ms Sciberras sabiex issir talba formali ghall-possibilta sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista juza l-iskola primarja wara l-hinijiet tal-ftuh tal-Iskola Primarja.

2.10 Dwar l-ittra minhabba problema bil-parkegg quddiem ir-residenza tal-138, Triq Rinella minhabba ilma li jidhol ghand il-persuna meta taghmel ix-xita is-Sindku qalet li il-Kuntrattur ghamel Culvert mal-bankina.

2.11 Dwar il-punt 6.2 tal-minuti precedenti, l-ittra minghand is-Sur Angelo Delia sabiex issir bankina qudiem il-garaxx tieghu. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li peress li x-xoghol tal-bankini huwa xoghol li ghandu jsir mill-Kunsill Lokali, din ghandha issir mill-Kunsill meta jkunu qed isiru ix-xogholijiet fuq il-bankini is-sena li gejja. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsilliera Maria Sultana.

2.12 Dwar il-punt 6.4 tal-minuti precedenti dwar it-talba tal-klabb tat-tennis sabiex il-Kunsill jaghmel is-sinjali mal-art, is-Sindku qalet li dawn ser isiru fiz-zmien li gej. Il-Vici Sindku is-Sur Christopher Bruno qal li is-sinjali direzzjonali li l-klabb ippropona li jsiru fic-central strips, ghandhom isiru kollha uniformi wara li ssir talba formali lill-Transport Malta mill-klabb stess.

2.13 Dwar punt 9 tal-minuti precedenti dwar it-tnehhija ta' skips minn diversi toroq, is-Sindku qalet li hija ikkuntattjat lill-Gwardjani Lokali sabiex dawn iduru dawn it-toroq u jaghtu l-avvizi lin-nies li jinqabdu jarmu mal-art fil-postijiet fejn tnehhew dawn l-iskips. Gie diskuss sabiex jintalab rendikont dwar l-avvizi li taw il-gwardjani sabiex il-Kunsill ikun jista jevalwa jekk verament l-azzjoni ittiehditx mill-gwardjani.

## 3. Komunikat mis-Sindku

3.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li saret laqgha mal-Perit tal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura, mal-Kap tal-Iskola Primarja u mal-Principal tal-Kullegg Santa Margerita dwar il-progett tac-Centru Civiku, fejn gew diskussi l-pjanti tal-Progett. Is-Sindku qalet li l-Minuti ta' din il-laqgha thejjew mill-Kap tal-Iskola u ser jigu pprezentati fis-seduta li jmiss ghall-informazzjoni tal-Kunsilliera.

3.2 Is-Sindku qalet li hija ltaqghet mad-Direttur tal-MCAST Maritime Institute ta' Villa Portelli fejn dan talab lis-Sindku sabiex jitwahhlu avvizi mal-hitan tal-binja taghhom sabiex in-nies ma jarmux skart ghal gol-proprjeta taghhom. Il-Kunsillier Vince Bongailas u il-Kunsilliera Maria Sultana gibdu l-attenzjoni tas-Sindku sabiex f'isem il-Kunsill hija tishaq mad-Direttur sabiex dan jara li jitnehhew is-sigar tal-lakacja li ghandhom fil-prorpjeta' taghhom u li dawn johorgu barra ghat-toroq tal-madwar, minhabba diversi lmenti li qed ikollhom mir-residenti tal-madwar.
Il-Kunsillier Vince Bonagailas talab ukoll sabiex tingibed l-attenzjoni tal-Gwardjani Lokali u l-Pulizija ghas-sewwieqa li qed jitilghu wrong way mit-telgha fi Triq is-Salvatur, minhabba li qed ikunu ta' periklu ghas-sewwieqa l-ohra u anke residenti li jaghmlu uzu jew joqghodu fl-istess triq.

3.3 Is-Sindku gibdet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera li qed ikollha ilmenti dwar xi haddiema li qieghdin fuq il-Community Work Scheme tal-ETC minhabba li dawn m'humiex jaghtu s-sehem taghhom ghax-xoghol. Hija qalet li bghatet email lill-ETC fejn gibdet l-attenzjoni li l-Kunsill Lokali Kalkara ma jistax jimtela b'haddiema li ma jaghmlux xogholhom kif suppost, ghalhekk qed titlob ghat-tnehhija ta uhud minnhom. Hija talbet li jitbghatu haddiema habrieka ohra minflokhom.

3.4 Is-Sindku pproponiet li jsiru l-purtieri fl-ufficini tal-Kunsill Lokali, l-istima hi ta' 510 ewro. Il-Kunsill qabel ma din l-ispiza peress li din mhix ser tkun wahda ta' kull sena.

3.5 Xogholijiet - Ix-xoghol fil-'bebbuxu' f'Bighi wasal fil-final.

## 4. Attivitajiet

4.1 L-attivita tal-Halloween ser issir il-Hadd 27 ta' Ottubru fl-area tal-bandli fix-Xatt. Il-kunsillier Paul Bongailas staqsa fejn twahhlu il-posters u s-Sindku irrispondiet li twahhlu diversi posters f'postijiet differenti. Is-Sur Bongailas ressaq ritratt li juri poster imwahhal ma faccata ta' dar privata fil-Birgu. Huwa staqsa dan minhabba li hass li m'hijiex haga xierqa u meta jidhlu posters ta' attivitajiet bil-letterhead tal-Kunsill, il-Kunsill ghandu jkun mgharraf dwar il-postijiet fejn dawn ghandhom jitqassmu. Hija semmiet li ghal din l-attivita ser ikun hemm programm varjat bhal crafts ghat-tfal, face painting u pony rides.

4.2 Is-Sindku qalet li ser torganizza Harga ghax-xahar ta' Novembru.

4.3 Il-Kunsillier Vince Bonagailas informa lill-Kunsill li ser jaghmel attivita' sportiva nhar is-26 ta' Ottubru 2013.

4.4 Il-Vici Sindku is-sur Christopher Bruno ippropona li jigu nstallati dekorazzjonijiet tal-Milied mat-toroq tal-lokal. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li ikun aktar ideali jekk jigu

avvicinati l-kazini tal-baned sabiex jarmaw huma. Din l-idea ma gietx deciza minhabba kwistjoni ta' fondi. Tigi diskussa f'seduti li jmiss.

4.5 Il-Kunsilliera Maria Sultana ipproponiet li jsir kors tad-drama ghat-tfal. Hija nfurmat lill-Kunsill li avvicinat kumpannija li torganizza dawn il-korsijiet. Dan il-kors huwa mqassam fuq 26 gimgha ta' lezzjoni ta' saghtejn darba fil-gimgha. Isiru attivitajiet mit-tfal li jiehdu sehem f'dan il-kors fl-okkazjoni tal-Milied u anke ghall-Gimgha l-Kbira.

Is-Sindku pproponiet lill-kunsilliera Maria Sultana sabiex tara jekk ikunx hemm tfal interessati jattendu sabiex ikunu jistghu isiru l-arrangamenti mehtiega dwar il-post fejn ghandhom isiru dawn il-lezzjonijiet. Il-Kunsill ikun lest li jissussidja l-ispiza tal-kiri tal-post fejn isiru dawn il-lezzjonijiet f'kaz li l-kunsill jinghata l-access ghall-uzu tal-Iskola Primarja.

4.6 Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li ser torganizza Story Telling ghat-tfal tal-Kinder u Year 1 u li ghal dawn is-sezzjonijiet it-tfal jigu akkumpanjati minn Adult. Dawn isiru fil-librerija pubblika. Jibdew nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 2013 u mqassma fuq erba' gimghat.

## 5. Mistoqsijiet u punti mqajjma mill-Kunsilliera

### 5.1 Il-Vici Sindku is-sur Christopher Bruno ressaq dawn il-punti:

a. Talab sabiex is-sinjal tat-traffiku li hemm mal-art fi Triq Giovanni Ricasoli kantuniera ma Triq Patri Mattew Sultana issir aktar lejn in-nofs tat-triq.

b. Saret talba sabiex titnehha l-konka tas-Sigra fejn kien hemm il-palma fil-Pjazza Sagra Familja. Is-Sindku qalet li t-talba ghandha ssir bil-miktub lill-Kunsill sabiex tkun tista tigi kkunsidrata.

c. Xi genituri talbu sabiex jinstab post alternattiv ghad-dhul u l-hrug tal-ground tal-football, minflok dak ezistenti. Is-Sindku qalet li it-talba mill-genituri ghandha issir lill-Klabb tal-Football.

d. Ircieva lmenti dwar tigrijiet taz-zwiemel nhar ta' Hadd mis-6.30 ta' filghodu l-quddiem fi Triq il-Missjoni Taljana. Huwa qal li sar ir-rapport lill-pulizija sabiex jaghmlu aktar ronda dak il-hin peress li m'huwiex permessibli li jsiru tigrijiet ta' zwiemel f'toroq.

5.2 <u>Il-Kunsilliera Maria Sultana ressqet dawn il-punti:</u>

a. Hija sahqet l-importanza tal-hasil taht u madwar l-iskips.

b. Titranga l-bankina fejn iz-zebra cross tax-Xatt, li kienet diga ressqet f'seduti precedenti, sabiex issir aktar accessibli.

c. Issir il-maintenance tal-art fl-area tal-bandli fejn il-grada minhabba li hija fi stat hazin.

d. Hemm xi bozoz li ghadhom mitfija, importanti li jintbghatu ir-reminders lill-

Enemalta b'mod kontinwu.

5.3 **Il-Kunsillier Vince Bongailas ressaq dawn il-punti:**

a. Huwa qal li bghat ittra lis-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes sabiex tinstab art fejn li tista tintuza bhala santwarju ghall-annimali specjalment qtates, sabiex jinqatghu il-qtates mit-toroq u jkunu kkoncentrati f'post wiehed.

b. Ghaddielu rapport li persuna li ghandu l-garaxx vicin tal-ufficcju tal-Kunsill Lokali qieghed jahzen tankijiet fil-fjuwil fil-garaxx tieghu. Dan huwa periklu u talab lis-Sindku sabiex tiehu l-azzjoni mehtiega.

Il-Kunsilliera Maria Sultana u l-Kunsillier Vince Bongailas gew skuzati mis-seduta minhabba impenji personali ohra fit-20.20 ta' filghaxija.

5.4 **Il-Kunsillier Paul Bongailas ressaq dawn il-punti:**

a. Xi residenti lmentaw li m'huwiex jingabar l-iskart domestiku kulljum fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-Sindku qalet li ser tigbed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

b. Isir l-infurzar mill-gwardjani u l-pulizija ghall-ipparkjar illegali fuq yellow lines fi Triq il-Barklor. Huwa qed jipproponi li jitnehha l-parking tan-naha ta' fuq fi Triq is-Sibi. Is-Sindku ipproponiet li ssir talba lill-Transport Malta ghall-gwida.

c. Titranga is-sleeping police qabel id-dahla ta' Block A minhabba li m'hijiex kif suppost u qieghda perikoluza.

d. Isir rapport il-MEPA minhabba riha ta' gas li qed jigi mit-Tank Cleaning Farm fir-Ricasoli.

e. Issir laqgha bejn il-Kunsill kollu mal-Kappillan il-gdid u ohra mac-Chairman tal-MCST dwar il-progett.

f. Ippropona li jibda jiehu hsieb il-facebook site tal-Kunsill minhabba li s-Segretarja m'hijiex ikollha cans taghmel l-updates necessarji. Intlaqet it-talba bis-suggett li jigi kkontrollat il-kontenut tal-updates mis-Segretarja stess.

**6. Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

Giet approvata l-iskeda ta' pagamenti bin-numru 10.13.

**7. Korrispondenza**

6.1 Ittra mis-Sinjura Miriam Lia fejn ipproponiet lill-Kunsill jorganizza mixja ghall-ghajnuna ta' certu familji Kalkarizi li qed ibghatu bil-marda tal-Leudroskophy.

Il-Kunsill qabel jorganizza din il-mixja ghal dan il-gest nobbli nhar il-Hadd 3 ta' Novembru fid-9.30 ta' filghodu.

6.2 Ittra minn resident fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li qieghed jipproponi li joghla l-permess ghall-bini tal-inhawi. Il-Kunsill qabel li din il-materja ma taqax responsabbilta tal-Kunsill Lokali, pero titressaq il-MEPA ghall-kunsiderazzjoni taghhom.

6.3 Ittra minn residenta fi Sqaq Marina Nru2. Hija lmentat li l-gheruq tas-sigra li hemm fil-Pjazza tas-Sagra Familja qed jidhlilha fil-bir tar-residenza taghha. Is-Sindku marret fuq il-post mal-esperti dwar dan il-qasam u dawn tal-ahhar ikkonfermaw li dan m'huwiex possibli. Il-persuna ghandha tigi nfurmata b'dan.

6.4 Talba mill-Kumpannija TCTC sabiex torganizza korsijiet ghall-Anzjani u ECDL fic-centru tal-kompjuters tal-Kunsill Lokali tal-Kalkara. Din it-talba giet diskussa u it-talba tal-kumpannija ma gietx accettata minhabba li l-Kunsill diga qieghed jorganizza korsijiet simili.

6.5 Talba minn resident li joqghod fi Triq il-Kapuccini sabiex isiru zewg parking bays ghall-muturi quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill Lokali laqgha t-talba tieghu.

6.6 Talba minn residenti li joqghodu fi Triq il-Villa tal-Ammirall sabiex titranga l-bankina ta' quddiem ir-residenza taghhom. Il-Kunsill qabel li din il-bankina ssir mal-programm tax-xogholijiet fuq il-bankini li ser ikunu qed isiru is-sena d-diehla.

6.7 Talba minn grupp ta' tellieqa ta' dghajjes bil-mutur fil-Bajja ta' Rnella. Il-Kunsill bghat ittra lil Transport Malta ghall-konsiderazzjoni u din l-entita ikkonfermat ma ssib l-ebda oggezzjoni. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ddecieda li ma jsib l-ebda oggezzjoni diment li jigu osservati il-ligijiet relatati u ma jinholoqx inkonvenjent lir-residenti.

6.8 Talba mill-Klabb tar-Regatta sabiex isiru sinjali u tabelli quddiem l-islipway quddiem il-klabb taghhom. Il-Kunsill approva din it-talba.

6.9 Intbghatet ittra mis-Sur Michael Cohen fejn dan ilmenta dwar it-tnaqqis ta' numru ta' skips mit-toroq. Huwa illimita l-ilment tieghu dwar l-iskip li tnehhiet minn Triq il-Kapuccini u staqsa kemm iffranka flus il-Kunsill bit-tnehhija ta' dawn l-iskips, bit-tnehhija ta' din l-iskip l-area qieghda tinzamm aktar nadifa jew zdiedx il-hmieg, min qieghed jissorvelja l-areas ta' madwar l-iskips, u qieghed isostni li hemm hmieg mal-iskip imsemmija li ilu zmien twil. Huwa staqsa l-Kunsill jekk l-istess Kunsill iccekjax dwar l-impatt li decizjoni bhal din tista thalli qabel implimenta din il-mizura.

Il-Kunsill iddiskuta l-ittra tas-Sur Cohen pero l-Kunsill qabel li jzomm mad-decizjoni primarja tieghu. Il-Kunsill iddiskuta li minkejja li hemm l-iskips fit-toroq, ir-residenti xorta wahda kienu qieghdin jarmu l-boroz taghhom mad-dawra tal-iskips ghalhekk ittiehdet din id-decizjoni sabiex jigu edukati r-residenti bl-ahjar mod possibbli. Il-Kunsill ser ikun qieghed jibghat avvizi lir-residenti b'mod kontinwu. Qieghdin jigu avzati l-gwardjani sabiex javzaw u jharrku fejn hemm bzonn lil min jinqabad jarmi fit-toroq u ma genb l-iskips.

8. **Jum il-Kalkara**

Dan is-suggett ghandu jigi diskuss fis-seduta li jmiss.

**9. Sejha ghall-Ufficjal Ezekuttiv Scale13**

Dan is-suggett ghandu jigi diskuss fis-seduta li jmiss.

10. **Aggornament**

Is-Seduta ntemmet fid-21.30 ta' filghaxija u aggornata ghal nhar il-Gimgha 8 ta' Novembru 2013 fil-5.30 ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| Speranza Chircop<br>Sindku | Sharon Galea Iriele<br>Seg Ezekuttiv |